Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 21 *Ad Hoc* TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 11 ta' April 2013

**Ħin:** Mill-5.00pm sas-5.40pm

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

**1. <u>Mozzjoni Nru. 46 mressqa mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara</u>**

*"Fid-dawl tal-fatt li l-proġett ta' Pjazza Bertu Fenech mhux miexi kif suppost u dan b'inkonvenjent kbir għar-residenti ta' din iż-żona ta' Ħal Balzan u fid-dawl tal-fatt l-ieħor li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan qed jiġi espost għar-redikolu pubbliku minħabba ż-żmien esaġerat li qed jittieħed biex isir ix-xogħol li jaqa' taħt dan il-proġett, għandhom jittieħdu passi fir-rigward tal-kuntrattur li qed jieħu ħsieb dan il-proġett u, jekk hemm bżonn, dan għandu jinbidel jekk jinstab li hu ma wettaqx sew ix-xogħol li kien inkarigat bih.*

*Jidher ċar li fejn jidħol dan il-proġett ma teżisti l-ebda kontabilita` għaliex, kieku kien hekk, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan ma kienx jispiċċa f'sitwazzjoni fejn qed jiġi kkritikat minn kulħadd għaż-żmien twil li ilu għaddej dan il-proġett u fejn jgħaddu x-xhur biex kull parti separata tal-proġett titlesta. Ħadd ma jista' jifhem ukoll għaliex kull darba li tinbeda parti ġdida mill-proġett, ix-xogħol jieqaf f'daqqa u jgħaddi ċertu ammont ta' żmien qabel jitkompla.*

*Għalhekk, il-kuntrattur għandu jinżamm responsabbli biex dan ix-xogħol isir kif suppost u jekk jinstab li kien negliġenti fit-twettiq ta' dmiru, għandu jinbidel minnufih. Is-serjeta`, it-trasparenza fl-operat pubbliku u l-kontabilita` jitolbu li jsir dan".*

Is- Sur Zammit Marmara tenna li qed issir kritika ħarxa mir-residenti fejn jidher li x-xogħolijiet fuq il-pjazza qed isiru biċċa biċċa fejn jgħaddi ħafna żmien bejn fażi u oħra u dan qed joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti.

Jidher biċ-ċar anke mill-emails tal-Project Administrator li jirċievu l-Kunsilliera li parti mit-tort ta' dan id-dewmien huwa tal-kuntrattur. L-affarijiet iridu jittieħdu aktar bis-serjetà. Huwa ta' kuljum jirċievi emails fejn ir-residenti jikkritikaw u saħansitra jwaqqgħu l-Kunsill għaż-żufjett. In-nies huma rrabbjati u jekk xi ħadd ma jagħmilx xogħlu għandu jinbidel.

Il-Viċi Sindku, is-Sur J.Galea jaqbel fil-kontenut ta' din il-mozzjoni, Huwa stat ta' fatt li x-xogħol kien qed idum biex jitlesta' u hawn ħafna tgergir tan-nies.

Il-Kunsillier is-Sur G. Borg qal li mil-lum il-quddiem kuntrattur li ma jagħmilx xogħlu sew ma għandux ikompli bix-xogħolijiet u ma jingħatax aktar kuntratti.

Il-Kunsillier is-Sur S. Gatt kien tal-idea li 'l-Kunsill għandu joħroġ Press Release fejn tingħata spjegazzjoni ta' dak li ġara.

Is-Sindku rrimarka li jekk il-kuntrattur ma jlestix fil-ħin, il-Kuntratt jimponi fuqu multi kbar apparti l-fatt li il-Grant Agreement mal-PPCD jirrekjedi li x-xogħol jitlesta sa' l-aħħar ta' Ġunju. Huwa rrefera għal *coordination meeting* li saret mal-kuntrattur, perit u entitajiet Governattivi tas-servizzi biex ma jkunx hemm intoppi aktar fit-twettiq tal-proġett.

Il-Viċi Sindku rrimarka li f'dawn l-aħħar ġranet jidher li x-xogħol reġa beda miexi b'ritmu mgħaġġel u dan wara l-fatt li kienet qed issir pressjoni mill-Kunsill biex dan l-aġir tal-kuntrattur jieqaf u x-xogħol jitkompla. Is-Sur Zammit Marmara huwa tal-istess opinjoni fejn qal li l-mozzjoni ġiet sottomessa qabel ma qabad dan ir-ritmu.

Għalhekk fid-dawl tal-fatt li x-xogħolijiet reġgħu bdew b'ritmu mgħaġġel il-mozzjoni qed tiġi rtirata bil-kundizzjoni li x-xogħol jibqa' għaddej mingħajr waqfien u jiġi mitmum fiż-żmien stipulat. Jekk dan ma jkunx il-kaz barra l-multi li hemm skont il-kuntratt, il-kuntrattur għandu jiġi black listed u ma jingħatax aktar xogħol mill-Kunsill ta' Ħal Balzan.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data